MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Numru 1035/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Norbert Ciappara)**

**v**

**John Fenech ta’ 43 sena, iben Anthony u Martha nee Camenzuli imwieled Pieta’ residenti Morning Dawn, Flat 3, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 167263 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Fenech li gie akkuzat talli fit-28 ta’ Settembru, 2006 u matul l-ahhar tliet xhur ta’ qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tighu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sustanza instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinux ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta‘ l-Avukat Generali biex din il-kawza titqies bhala wahda ta‘ kompetenza ta‘ Qorti Istruttorja.

Rat  ukoll is-sussegwenti kontrordni ta‘ l-Avukat Genearli biex din il-kawza tigi deciza minn Qorti ta‘ Gudikatura Kriminali (folio 143).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi fis-seduta tas-6 ta‘ Settembru, 2007, l-akkuzat ghazel li jirregistra ammissjoni fuq l-akkuzi kif dedotti liema ammissjoni giet ikkonfermata b’nota ta‘

Rat senjalament ir-rizultanzi ta’ l-espert Godwin Sammut dwar l-analizi tad-droga misjuba u cioe blokka ta‘ 195.4 grammi ta‘ purita‘ ta‘ cirka 18% (vide Dok GS folio 53). Din id-droga kienet sustanza li tigi mill-pjanta kannabis.

Rat ukoll ix-xhieda ta‘ Trevor Calafato (Ufficjal tal-Probation) li xehed dwar il-problema li l-akkuzat kellu bid-addiction tal-vizzju tad-droga.

Min-naha taghha Victoria Scicluna representant tas-Sedqa xehdet ukoll dwar il-problema li ghandu l-akkuzat kif gia msemmi u dwar  in-necessita‘ li l-akkuzat jaghmel programm fuq bazi residenzjali.

Tenut dana kollu premess, tenut ta‘ l-ammissjoni issib hati lil John Fenech u dan wara li rat l-artikoli 8, 22(2)(i)(b) Kap 101 tal-Ligijiet ta‘ Malta tikkundannah ghal piena karcerarja ta‘ sentejn u nofs u ghal multa ta‘ Lm 1500(elf u hames mitt lira) u dan anke wara li rat il-fedina penali tieghu.

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9, tordna illi l-akkuzat ihallas is-somma ta‘ mija u sittax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm 116.20) u dan fi zmien tliet xhur mil-llum.

Tirrakomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs illi jekk John Fenech juri dik il-motivazzjoni vera jinghata kull opportunita‘ illi jibda programm konra l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------